**23 ta' Mejju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Frank Borg

*versus*

John Nicola Cassar

**Appell lill-Maestà tar-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat — Valur — Ġurament.**

*Fejn il-valur involut fil-kawża mhux determinat, imma ma hux manifestament anqas minn £500, il-prattika hija, għall-finijiet tal-għoti tal-permess għall-appell lill-Maestà tar-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat bi dritt minħabba l-valur, li jiġi mpost lill-petizzjonant li jiddikjara bil-ġurament li l-valur kontrovers hu ta' £500 jew aktar.*

*Jekk ikun intalab ammont globali wieħed għal aktar minn oġġett wieħed, u dan l-ammont jiġi miċħud b'sentenza waħda, il-preġudizzju lamentat mill-petizzjonant, u li minnu jrid jeħles per mezz tal-appell lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill Privat, joħroġ miċ-ċaħda totali ta' dik it-talba; u kien dak l-ammont li l-parti l-oħra tkun irreżistiet b'suċċess fil-kawża; kwindi dak l-ammont kollu u uniku għandu jiġi kunsidrat għall-fini tal-valur. Dak li jidher li ma jistgħax isir huwa illi jiġu konsolidati diversi kawżi li fihom ġew mogħtja sentenzi separati.*

Il-Qorti:— Rat il-petizzjoni tal-attur, li biha espona:— Illi b'att ta' ċitazzjoni preżentat fil-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, wara li ppremetta illi żmien ilu xtara bħala ġodda minn għand il-konvenut żewġ karrozzi "Jowitt Javelin" numri 11835 u 743, bil-prezz rispettiv ta' £775 u £800, li kellu jitħallas b'rati mensili, u li dan l-aħħar hu sar jaf illi l-imsemmija żewġ karrozzi kienu sekonda man, u li għalhekk il-prezz relattiv għandu jkun inferjuri għal dak miftiehem, talab illi jiġi ridott il-prezz tal-

istess karrozzi, li għandu jiġi stabbilit minn espert nominat għal dan il-fini fuq il-prezz korrenti fiż-żmien tal-bejgħ tagħhom bħala sekonda man, b'riżerva għad-danni, bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest taż-17 ta' Settembru u taċ-ċedola ta' depożitu tad-19 ta' Setembru, 1956; illi l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, b'sentenza tat-8 ta' Ottubru 1959, iddeċidiet il-kawża billi rrespinġiet it-talba, bl-ispejjeż; illi hu ħass ruħu aggravat b'dik is-sentenza, u b'nota preżentata fil-15 ta' Ottubru 1959 interpona appell minnha quddiem din il-Qorti, u ddeduċa l-appell tiegħu bil-petizzjoni preżentata fis-26 ta' Ottubru 1959, fejn talab ir-revoka tas-sentenza tat-8 ta' Ottubru 1959 fuq imsemmija, u li tiġi milqugħa t-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut; illi din il-Qorti, b'sentenza tad-29 ta' April 1960, iddeċidiet billi ddikjarat li ma hemmx lok tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenut, bl-ispejjeż ta' din id-dikjarazzjoni mingħajr taxxa bejn il-partijiet, u kkonfermat is-sentenza appellata u ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; illi evidentement il-valur involut f'din il-kawża jissupera l-£500;

Għaldaqstant jitlob illi din il-Qorti jogħġobha tagħtieh il-permess li jappella mill-imsemmija sentenza, mogħtija fid-29 ta' April 1960, għall-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, biex jitlob ir-revoka tal-imsemmija sentenza tad-29 ta' April 1960, tant fil-meritu kemm fil-kap tal-ispejjeż, u li t-talba tiegħu tiġi milqugħa;

*Omissis;*

Il-petizzjonant qiegħed jitlob il-permess biex jappella lill-Kunsill Privat "bi dritt"; għaliex jippretendi illi l-valur involut fil-kawża hu aktar minn £500;

It-talba fiċ-ċitazzjoni kienet għal ammont indeterminat li kellu jiġi stabbilit mill-Qorti bl-għajnuna ta' esperti. Minn imkien mill-proċess ma jidher kemm il-petizzjonant innifsu kien jippretendi li kellu jkun dak l-ammont;

Fil-fehma tal-Qorti, dan ma hux każ fejn jista' jin-

għad illi "prima facie" l-valur hu manifestament ta' anqas minn £500. Il-prezz komplessiv taż-żewġ karrozzi kien ta' £1575, u mhux impossibbli illi, kieku t-talba tal-petizzjonant kellha tiġi milqugħa, u l-karrozzi kellhom jiġu dikjarati li kienu "second hand", dak il-prezz jonqos b'£500 jew iżjed;

Għalhekk, dan hu każ fejn tista' tiġi segwita l-prattika adottata xi drabi minn din il-Qorti, fejn ġie permess lill-petizzjonant li jiddikjara b'ġurament li l-valur kontrovers hu ta' £500 jew aktar (cfr. Vol. XXXVI-I-306; Vol. XXXIII-I-706; u sentenzi hemm ċitati);

L-appellat issottometta illi, biex jiġi eżaminat jekk hemmx il-valur rikjest mil-liġi, wieħed għandu jittratta l-kawża preżenti bħal li kieku kienet tirrigwarda żewġ domandi separati, waħda għal kull waħda miż-żewġ karrozzi. Din id-deduzzjoni ma tidherx aċċettabbli. Id-domanda taċ-ċitazzjoni hi "waħda", għad li kienet tirrigwarda żewġ karrozzi, u ġiet miċħuda b'sentenza "waħda". Dak li jidher li ma jistgħax isir huwa li jiġu konsolidati diversi kawżi li fihom ġew mogħtija sentenzi separati (Moofto Mohummud Ubdoolih v. Baboo Motechund, 1 Moo. I.A. 363) — haġa li ma hix qegħdha ssir fil-każ preżenti, li fih, kif ġa ntqal, intalab ammont globali wieħed li ġie miċħud b'sentenza waħda, u għalhekk il-preġudizzju lamentat mill-petizzjonant, li hu jrid jevita bl-appell lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill joħroġ miċ-ċaħda totali ta' dik it-talba. Dan l-ammont totali kien dak li l-appellat irreżista b'suċċess fil-kawża s'issa;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tagħti żmien ta' għoxrin ġurnata lill-petizzjonant biex jiddikjara taħt ġurament illi l-valur tar-riduzzjoni tal-prezz mitluba fiċ-ċitazzjoni hu ta' £500 jew iżjed; u fil-każ illi l-petizzjonant, fiż-żmien fuq imsemmi, ikun ħa dak il-ġurament, tilqa' t-talba miġjuba fil-petizzjoni, u tagħti lill-petizzjonant il-permess kondizzjonali għall-appell lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill, u tagħtieh iż-żmien ta' xahar, komputabbli mill-ġurnata li fiha jkun ħa l-imsemmi ġurament, biex jagħti l-malleverija stabbilita fl-art. 4 tal-Ordni fil-

Kunsill tal-1909, fl-ammont ta' £400, u tagħti wkoll lill-istess petizzjonant iż-żmien ta' tliet xhur, komputabbli kif intqal fuq, biex jagħmel il-preparazzjoni u t-trasmissjoni tal-proċess lill-Kumitat Ġudizzjarju skond l-istess artikolu;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-provvediment relattiv għall-permess finali;

Fil-każ, però, illi l-petizzjonant ma jieħux il-ġurament fuq imsemmi fiż-żmien prefiss, il-Qorti tiċħad it-talba kontenuta fl-petizzjoni, bl-ispejjeż tal-proċedura kontra l-petizzjonant.